# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 752/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Dean Micallef**

Illum 11 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Dean Micallef**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 84096(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-

kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin;

3. għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

6. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet oħra;

7. bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet oħra, għamel qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

8. kellu fil-pussess jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' April 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-seba' (7) imputazzjoni peress li qieset li hija alternattiva għas-sitt (6) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 17(h), 18, 167, 169, 183, 184, 185, 188, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati (fuq ammissjoni tiegħu stress) tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. A tenur ta' Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Billi ma rriżultax li ġew nominati esperti fil-proċeduri, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-fini ta' Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti. *Ai termini* ta' Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha a. tirrevoka u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' April 2024 in kwantu l-piena nflitta u minflok timponi piena iktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-14 ta' Ġunju 2024.

Rat illi l-appell tħalla għal-lum sabiex tingħata s-sentenza dwaru.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' April 2024.

Illi l-appell tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. L-appellant jitlob li din il-Qorti timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi.

Illi l-uniku aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu huwa intitolat hekk: "Il-Piena u Maħfra Mħabbra". L-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva u jisħaq li din għandha tiġi riformata. Jargumenta li huwa rreġistra ammissjoni bikrija bi speditezza u dan sar wara li b'sagrifiċju rrifonda lid-Dipartiment konċernat is-somom dovuti lilu fit-totalita' tagħhom. Jisħaq li huwa qiegħed jistenna l-kriterji eżatti li għandhom jelleġġuh għall-maħfra hekk kif skont hu ġie sottolineat fil-mezzi tax-xandir. Jargumenta li fejn tidħol piena, il-ġurisprudenza attwali fejn jidħlu l-istess reati hija tali li tippermetti piena mhux karċerarja. Isostni li saret distinzjoni bejn min irrifonda kollox lura u min wasal biss għal arranġament bonarju b'*repayment plan* bi ħlasijiet mensili. Jargumenta li bosta drabi l-Qrati straħu fuq il-bżonn ta' piena li għandu jkun mezz riformattiv a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Jgħid li llum il-kunċett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva imma ta' sistema restorattiva.

Illi dwar l-aggravju tal-appellant din il-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li nżammu s-segwenti seduti quddiem l-Ewwel Qorti:

- Fil-15 ta' Novembru 2023 (*a fol.* 9) l-appellant ma deherx minkejja li kien debitament notifikat u nħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu.

- Fit-18 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 11) nqraw bil-ġurament l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat fejn huwa ma rreġistrax ammissjoni għall-imsemmija imputazzjonijiet.

- Fit-28 ta' Frar 2024 (*a fol.* 42) ma sar xejn effettiv.

- Fis-6 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 46) reġgħu nqraw bil-ġurament l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat fejn għal darba oħra huwa ma rreġistrax ammissjoni għall-imsemmija imputazzjonijiet.

- Fl-10 ta' April 2024 (*a fol.* 51) l-appellant allura imputat rreġistra ammissjoni u ddikjara li huwa ħati tar-reati li huwa ġie mixli bihom u kkonferma tali ammissjoni wara li l-Ewwel Qorti nfurmatu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra d-dikjarazzjoni ta' ħtija tiegħu.

- Fl-24 ta' April 2024 (*a fol.* 53) rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali kkonferma li ma kien hemm l-ebda ammont dovut lid-Dipartiment mill-appellant allura imputat u li kull ammont pretiż lid-Dipartiment imsemmi in linea ma' rifużjoni ta' benefiċċji soċjali ġie saldat. Dakinhar stess ingħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti.

Illi minn dan t'hawn fuq jirriżulta b'mod ċar li l-appellant allura imputat ma rreġistrax ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati lilu ma' l-ewwel okkażjoni li kellu però kien biss fil-ħames seduta ffissata quddiem l-Ewwel Qorti li huwa ddikjara li kien ħati tal-imputazzjonijiet in kwistjoni. Apparti minn dan, filwaqt li din il-Qorti tapplawdi l-fatt li l-appellant allura imputat irrifonda kull ammont pretiż lid-Dipartiment in kwistjoni in linea

ma' rifużjoni ta' benefiċċji soċjali, pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huwa ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu liema imputazzjonijiet huma ta' ċertu portata.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:
>
> > "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi jkun opportun li jiġi nnutat li l-piena ma għandhiex l-iskop ta' tpattija minn naħa tas-soċjeta' kontra min iwettaq ir-reat iżda għandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-ħatja ta' reati ħalli dawn jkunu jistgħu jerġgħu jiġu reintegrati fis-soċjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut għas-soċjeta'. B'hekk il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford**

**Gatt Baldacchino** (Numru 243/2019) fejn dwar il-prinċipju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "12. [...] Dan peress li l-ġustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:
>
> (a) Retributtiv;
> (b) Preventiv; u
> (ċ) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.
>
> 13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.
>
> 14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża' li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa' jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża' li teħel il-piena, persuna tiġi mġiegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.
>
> 15. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża' li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma' dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena,

b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-liġi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biża' mill-piena minħabba li l-liġi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita' milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.

16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, hija xtarret il-pieni li tipprefiġġi l-liġi għar-reati li wettaq l-appellant u li tagħhom instab ħati u tqis, fost l-oħrajn, li Artikoli 167 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (li jemerġu mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni) jipprefiġġu piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni wkoll fir-rigward ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta fejn il-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi. Ovvjament din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u li rrifonda lura kull ammont in kwistjoni.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

Illi dwar il-maħfra li l-appellant jagħmel riferenza għaliha fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tqis li dan huwa rimedju li din il-Qorti ma għandhiex tidħol fih. Għaldaqstant, l-uniku aggravju tal-appellant qed ikun miċħud b'dan illi kwalunkwe talba għall-maħfra Presidenzjali tibqa' mhux preġudikata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Dean Micallef u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |